# 17. Għanja lir-Rummiena

Hekk kif l-għenieqed ħamranin tad-dielja
igħibu minn ġol-ġnien u x-xuxa wiesgħa
tal-kannizzata ssir taħlita mħarbta
ta' ħdura u sfura,

Hemm ġewwa r-rokna ta' ġol-ġnien imwarrba
ġwejda u ħadrana tfiġġ, Rummiena tagħna,
qisek xi gondla ta' Venezja mdawla
fl-ilma titbandal!

Mal-masġar dawra mejt siġar bla ħajja;
is-Sajf ta' San Martin minnek waħdiena
jagħsar ftit meraq bnin, u bik waħdiena
il-mejda jżejjen.

Sakemm ta' Santa Katerina l-beraq
jaqsamlek ir-rummien u x-xita sfiqa
bl-ilma timlieh u r-rih felħan iqaċċtu
u jsabbtu fl-art.

Intant is-siġra tal-larinġ tithejja
biex minn idejk taqbad il-ġnien f'idejha,
u torqmu bid-deheb fin w ilmiet il-ħajja
ix-xitwa sħiħa.